**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 15 ta` Lulju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

***Omissis A***
**AARON RODNEY PAUL PAVIA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati ***omissis A*****,** u **Aaron Rodney Paul Pavia** detentur tal-karta tal-identita numru 16102L gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fit-2 ta' Mejju 2003 u matul l-ahhar granet:-

a) Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (raza tal-cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovu, jikkostitwixxu, jew jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

b) Bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raz;

Nakkuza wkoll lil ***omissis A*** wahdu talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Mejju 2003 u matul l-ahhar ganet qabel dina d-data:

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta'Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni gahll-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li kollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzu (G.N.292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nakkuza wkoll lil **Aaron Rodney Paul Pavia** talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Mejju 2003 u matul l-ahhar gimghat:

e) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew parti minnha u dan bi ksur tal-Artiklu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Talli wkoll kiser il-kondizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell tas-26 ta` Jannar 2001 (imputazzjoni mizjuda bil-verbal tas-seduta tal-5 ta` Settembru 2003 – ara folio 51);

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali (li jinsab a folio 2 tal-Vol.VI) tas-6 ta` Lulju 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Jehtieg li ssir parentezi zghira u generali dwar id-dewmien li ha dan il-process. Diversi fatturi kkontribwew ghal dan il-fatt, fosthom izda mhux biss, il-fatt li fit-12 ta` Lulju 2004, l-atti ta` din il-kawza flimkien ma hafna ohrajn, gew distrutti minhabba nirien li hakmu l-awla fejn kienu qed jinzammu u naturalment, ir-rikostruzzjoni tal-process jiehu z-zmien; fatt iehor li kkontribwixxa kien jikkonsisti fil-fatt li l-Avukat Generali kien baghat dawn l-atti sabiex permezz ta` Att ta` Akkuza, setghu jigu decizi mill-Qorti Kriminali, izda sussegwentement, l-istess Avukat Generali, skond il-ligi, ddecieda li jerga jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex effettivament dawn l-atti jigu decizi minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**;

Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process peress illi, kif inhu f'dan il-kaz, minkejja l-htiega tar-rikostruzzjoni tal-process, dak kollu li rrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghall-dawn il-proceduri kienu s-segwenti.

1. Illi fit-2 ta' Mejju tas-sena 2003, l-pulizija rceviet informazzjoni li kienet tindika illi certu Ommissis B minn San Giljan, dak inhar stess ghall-habta ta' wara nofs inhar, bejn is-saghtejn (2:00) u l-erbgha (4:00), aktarx kellu jaghmel xi *deal* ta' droga, raza tal-Cannabis.  Saru verifiki dwar dan Ommissis B, inkluz x'vetturi jsuq u fil-fatt gie stabbilit li dana kien jaghmel uzu minn karozza KIA

Sportage bin-numru tar-registrazzjoni TSN777. Ghalhekk il-pulizija, fosthom PS 536, PS 591, PS 1086, PC 10, PC 579 marru sabiex jaraw x'movimenti jsiru b'mod diskret f'dawk l-inhawi. Fil-fatt f'hin minnhom Ommissis B kien osservat f'dawk l-inhawi, l-ewwel kien osservat f'bar u f'hin minnhom il-pulizija ratu jsuq fit-telgha li mill-bajja ta' Spinola, San Giljan taghti ghal Regional Road, fil-bidu ta' dik it-telgha, u rawh jipparkja, jieqaf bil-karozza wara karozza *self drive* Nissan Micra bin-numru tar-registrazzjoni LCK 494. Wara li gew avvicinati mill-pulizija rrizulta li wiehed minnhom kien Ommissis B u l-karozza tal-kiri kient misjuqa minn certu Aaron Pavia, l-imputat f'dawn il-proceduri. Il-pulizija waqqfithom u PS 961 saqsa lil Ommissis B jekk kellux xi haga, xi droga fil-pussess tieghu, u fil-fatt Ommissis B ghadda sapuna, raza tal-Cannabis li bejn wiehed u iehor kienet tizen xi mitejn u hamsin gramma (250gr). Din giet mghoddija lill-pulizija, precizament lil PS 951, PS 536 u lil PC 10. Saru aktar tfittxijiet li rrizultaw fin-negattiv fuq il-post. Kemm Ommissis B kif ukoll Pavia gew arrestati ghal aktar stharrig. Ommissis B ukoll instab fil-pussess ta' zewg mobile phones, it-tnejn Nokia, u Pavia wkoll instab fil-pussess ta' mobile phone iehor tat-tip Ericsson. Saru tfittxijiet, l-ewwel tfittxija saret fir-residenza ta' Ommissis B fil-prezenza tieghu; din it-tfittxija saret minn PS 536, PS 951, PC 10, PC 579 u PC 23, fir-residenza tieghu gol-fond *Cloister Walk*, Block 4, Flat 1, Carmel Street, San Giljan. Hemmhekk saret tfittxija sew. Fil-*freezer* instabet sapuna ohra simili ghall-ewwel wahda li kienet instabet mill-pulizija u wkoll kienet tizen cirka iehor mitejn u hamsin gramma (250gr). Instab ukoll mizien, bicca zghira ohra raza tal-Cannabis, kif ukoll xi tracci tar-raza tal-Cannabis, ilkoll fil-kamra tas-sodda. Gew elevati wkoll madwar hames grammi (5gr) ta' Kokaina li kienu f'kexxun tad-*dressing table* u nstabu wkoll tmien mitt lira (Lm800) *cash* Maltin fil-kamra tas-sodda;

2. Illi l-imsemmi Ommissis B indika lill-pulizija li d-droga kienet inghatat lilu minn certu Taljan jismu Ommissis A. Huwa ta numru ta` dettalji dwar l-istess persuna ta` nazzjonalita` taljana, fost affarijiet ohra, li dan kien isuq karozza tal-ghamla *Smart* bil-pjanci Taljani u skond hu aktarx li dan kellu jhalli Malta dik il-gurnata stess. Din l-informazzjoni giet kommunikata minnufih lill-pulizija tax-Xatt, u fil-fatt l-imsemmi Ommissis A kien gie mizmum immedjatament milli jitlaq u saru aktar investigazzjonijiet fuq il-post. Fil-fatt Ommissis A kien gie arrestat u ttiehed ghal aktar stharrig;

3. Illi Ommissis B kien qal li kien sar jaf lil Ommissis A peress li huwa jahdem f'bar go San Giljan. Qal li xi gimgha qabel kien ikkuntattjah u dan it-Taljan hadlu borza d-dar, li kien fiha zgur tmien (8) bicciet tar-raza tal-Cannabis, li bejn wiehed u iehor kull wahda kienet tizen mitejn u hamsin gramma (250gr) u qallu li dawn xtaq ibieghhom. Fil-fatt Ommissis B ammetta li huwa kien biegh sitta (6) minnhom ghall-prezz ta' erba mitt lira (Lm400)-il wahda ghan-nom ta' Ommissis A. Qal ukoll li fil-fatt huwa kien fadallu wahda d-dar, dik li nstabet fil-*freezer* tieghu, u l-ohra kien se jbieghha wara li kien ftiehem allegatament ma` Aaron Pavia. Dawn kienu ser imorru x'imkien Hal Qormi flimkien u allegatament Aaron Pavia kellu jghinu jbieghha. Fil-fatt qal li Aaron Pavia kien ser ibieghha ghal erba mija u hamsin lira (Lm450), u b'hekk Pavia kien se jaqla hamsin lira (Lm50) minn fuqha;

4. Illi Aaron Pavia dejjem cahad illi huwa kien ftiehem ma' Ommissis B sabiex jaghmlu *deal* ta' din is-sapuna raza tal-Cannabis. Meta huwa gie arrestat, kienet saret tfittxija fir-residenza tieghu u hemmhekk, go kaxxa tal-metall, instabu xi tracci tal-haxixa tal-Cannabis grass;

5. Illi a bazi ta` dawn l-investigazzjonijiet u partikolarment l-istqarrija guramentata li ta Ommissis B, kienu effettivament it-tlieta li huma, il-protagonisti aktar il-fuq imsemmija, li kienu tressqu l-Qorti in konnessjoni ma dan il-kaz;

**Ikkunsidrat**;

Illi issa din il-Qorti trid necessarjament tindirizza tlett xenarji u tistaqsi jekk, a bazi tal-provi migjuba, l-imputat ghandux jirrispondi (1) ghall-pusses semplici tal-pjanta tal-cannabis jew parti minnha; (2) ghat-traffikar jew ghall-bejgh tar-raza tal-cannabis; (3) ghall-assocjazzjoni, ma ta` l-anqas persuna wahda ohra, sabiex ibieghu jew jittraffikaw ir-raza tal-cannabis.

Ma hemmx dubbju illi oggettivament, kwalunkwe forma ta` involviment fis-sustanzi illegali, huwa kundannabbli u jehtieg li jigi indirizzat kif jixraq skond il-ligi. Maghmulha din iddikjarazzjoni cara u inekwivoka, din il-Qorti issa trid tghaddi sabiex tiddeciedi dwar irrizultanzi processwali skond ix-xjenza legali.

**RIZULTANZI PARTIKOLARI.**

Irrizulta sodisfacentement mill-provi illi Ommissis A u l-imputat Aaron Rodney Pavia ma kienux jafu lil xulxin (ara folio 60, waqt il-kontro-ezami tas-Supretendent Neil Harrison; ara wkoll il-verzjonijiet ta` l-imputat Aaron Rodney Pavia u d-depozizzjoni ta` Ommissis A a folio 91 Vol.VI).

Irrizulta wkoll illi in effetti, kien Ommissis B li, fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, kien cempel ripetutament lill-imputat Aaron Rodney Pavia (ara a folio 62).

Il-kwistjoni kollha tidher li tistrieh fuq l-allegazzjoni ta` Ommissis B illi Aaron Rodney Pavia kien ser ibiegh sapuna tal-cannabis lil xi hadd ghall-prezz ta` LM450, li minnhom, Ommissis B kellu jircievi LM400 filwaqt li l-qliegh ta` Lm50 kellu allegatament izommhom l-imputat Aaron Rodney Pavia.

L-Ispizjar Mario Mifsud jikkonferma illi fil-kaxxa tal-metall, elevata mill-kamra tas-sodda ta` l-imputat Aaron Rodney Pavia, instabu tracci ta` werqa tal-pjanta tal-cannabis (ara depozizzjoni a folio 91);

**Ikkunsidrat**;

Ix-xhud uniku u principali tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, Ommissis B, jixhed fit-22 ta` Frar 2006 (ara a folio 180 sa 203). Fix-xhieda tieghu ta` madwar 23 pagna huwa jispjega il-konnessjoni li huwa kellu ma Ommissis A, kif gie fil-pussess ta` diversi blokkok tal-cannabis, li ddispona minn sitt blokok, li bieghhom ghall-prezz ta` Lm400 il-blokka, u hafna dettalji ohra. Jixhed ukoll dwar dettalji ohra, koncernanti kwistjonijiet dwar droga kokaina – dettalji li huma evidentement u kompletament estranei ghall-imputat Aaron Rodney Pavia.

F'dan ir-rakkont kollu, fir-relazzjoni ta` bejnu u bejn l-imsemmi Ommissis A, u dwar dettalji ohra fix-xhieda tieghu koncernanti kwistjonijiet dwar droga kokaina, il-ko-imputat Aaron Rodney Pavia, ma jikkonfigura xejn, mkien u bl-ebda mod.

Izda mbaghad, f'pagna u nofs minn 23, propju a folio 186 u 187 tal-Vol.II, ix-xhud Ommissis B jghid testwalment is-segwenti :

---

*Pros : Sur Ommissis B tista tghidilna terga tirrepetilna naqra l-involviment tas-sur Pavia f'dawk ic-cirkostanzi? Jigifieri meta gew il-pulizija, int u s-sur Pavia x'kontu ser taghmlu?*

*Xhud: at that time kien ha johodni ghand xi hadd biex*

*Pros: jigifieri int lis-Sur Pavia kont kellimtu, fuq xiex kont kellimtu? Jigifieri qabel ma arrestawkom il-pulizija?*

*Xhud: fuq il-blokka*

*Pros: kun naqra iktar specifiku jekk joghgbok*

*Xhud: fuq il-blokka*

*Pros: sur Ommissis B inti mill-bejgh ta' dawn l-allegati blokok tar-resina, inti kien hemm xi qliegh ghalik?*

*Xhud: xejn*

*Qorti: qed naghraf id-deposizzjoni li jiena rrilaxxajt lill-Ispettur Neil Harrison u li kkonfermajt lill-Magistrat Inkwirenti u jiena nikkonferma l-kontenut tax-xhieda tieghi.*

*Pros: sur Ommissis B, l-imputat Aaron Pavia inti kont tafu qabel?*

*Xhud: iva*

*Pros: tista tghidilna f'liema cirkostanzi kont tafu jekk joghgbok?*

*Xhud: socialising. Paceville. Go night clubs u barijiet.*

*Pros:* *mas-sur Pavia kien hemm xi business? Any type of business li inti ghamilt mieghu jew tramite lilu apparti dan l-incident li fuqu gejt arrestat.*

*Xhud:* *i can only say li forsi uzajna flimkien. Ma nista niftakar l-ebda dettall. Fi-sens x'inhi d-domanda?*

*Pros:* *fuq kwistonijiet ta' mas-sur Pavia, apparti s-socializing u apparti li ghadek kif semmejt issa li gielu hadtu, what hadtu? Kien hemm xi involviment minn naha tieghu tramite int jew vice cersa fuq more than just socialising?*

*Xhud:* *i cannot recall. I cannot recall fis-sens li*

---

Imbaghad hemm ukoll fil-process, l-istqarrija ta` l-istess Ommissis B (ara folio 204). A folio 205 tal-Vol.II, jghid testwalment is-segwenti :

---

*Dak il-hin jiena kont bil-karozza tieghi u waqqfuni l-pulizija. Il-pulizija identifikaw ruhhom u staqsewni jekk kellhix xi haga. Jiena urejthom il-glove compartment fejn kelli sapuna shiha. Jigifieri bicca raza tal-cannabis kbira. Fil-karozza ma kelli xejn aktar. Dak il-hin f'karozza ohra quddiemi, xi Hyundi Pony hamra, xi haga hekk kien hemm Aaron Pavia. Dan ukoll gie arrestat. The idea was li hu jirkeb fil-karozza mieghi u mmorru flimkien halli nbieghu dina s-sapuna x-imkien Hal Qormi. Irrid nghid li dana ta' Hal Qormi jiena ma nafux, pero Aaron jafu. Li gara kien illi l-bierah stess tard filghodu jien cempilt lil Aaron fuq il-mobile tieghu li ghandu n-numru 79291400. M'inix cert minn dan in-numru. Jiena cempiltlu minn fuq il-mobile tat-Taljan. Lill Aaron ghedtlu li kelli xi bicciet blokok (raza tal-Cannabis) u li ridt inbieghhom. Bghatlu anke xi SMS lil Aaron. Fthemna li niltaqghu il-bierah stess xi l-4:00pm. Fil-fatt hekk gara pero gew il-pulizija.*

*D:* *int il-blokka kemm ridt taghha?*

*R:   Aaron kien qed jipprova jgib Lm450 taghha u hu jzomm Lm50 ghalih. L-Lm400 l-ohra itihom lili u jiena ntihom lill-Ommissis A it-Taljan. Sa fejn naf jiena Aaron lil Ommissis A ma jafux.*

---

L-istess xhud jerga jixhed nhar il-15 ta` Marzu 2007 (ara a folio 87 sa 104 tal-Vol.III). In succint jallega illi kien cempel lill-imputat Aaron Pavia fejn talbu biex jaghtih daqqa t'id. Imbaghad jghid testwalment :

---

A folio 94 – *Xhud : tant gara malajr, ma kinitx ppjanata, fhimt? Din grat minn issa ghal issa, wiehed minn nies li nzerta kien ha jtini daqqa t'id, imbaghad on the way, sakemm qed insuqu t-telgha, jekk qed niftakar sewwa konna qeghdin 'il barra mit-triq, waqqfuna l-karozzi l-ohra.*

*Pros:*   *il-pulizija*
*Issa inti biex iltqajtu hemmhekk, kif ftehmtu?*

*Xhud:*   *biex nifthemu izjed nahseb.*

A folio 95 – *xhud : le Spinola peress li ma hemmx fejn tipparkja, ilmahna lil xulxin u bdejna nsuqu. At that point in time, jew biex nitkellmu, biex nistaqsu lil xulxin jew biex nifthemu x'ser jigri jew le, jew biex nipparkja u jitla mieghi, ma niftakarx, pero whilst li konna qeghdin nigbdu fil-genb, at that point gew il-pulizija.*

A folio 104 – *xhud - …… punt zghir forsi – nahlef li ezattament ma niftakarx ta' Aaron kif kienet il-bicca tax-xoghol jew le, dakinhar kont taht shock, forsi qbadt u grejt, jiena minghalija ha nipprova nehles. Sa fejn naf jiena l-verita ghidt, pero d-dettalji ma niftakarhomx, la l-mobile, x'numru ghandu, lanqas idea.*

---

Meqjus dan kollu, it-tezi tal-prosekuzzjoni tista tigi ridotta ghal wahda semlici. Ommissis B ircieva numru ta` blokok tal-cannabis minghand certu Ommissis A. Ommissis B biegh madwar sitta minnhom u kien fadallu xi tnejn. Allegatament, wahda minnhom kien ser jaghtieha lil Aaron Rodney Pavia biex ibiegha hu lil xi hadd. Meta kienu ser jiltaqghu, gew intercettati mill-pulizija.

Dan hu bazikament dak li allegat il-prosekuzzjoni fil-konfront ta` l-imputat Aaron Rodney Pavia tramite id-depozizzjoni tax-xhud Ommissis B.

**Ikkunsidrat**;

Hemm ukoll fil-process, il-verzjoni ta` l-imputat Aaron Rodney Pavia li tikkonsisti –

1. fil-kontenut ta` l-istqarrija li huwa kien ta lill-pulizija nhar it-3 ta` Mejju 2003 (dok 9 a folio 51).

Jigi mfakkar li mhux l-istil ta` din il-Qorti li toqghod tirriproduci dak kollu li jkun ampjament jirrizulta mill-atti. Thoss li ghandha tippuntwalizza pero` illi minnufih, f'din l-istqarrija, **l-imputat jichad kategorikament l-involviment tieghu kif kien qed jallega Ommissis B u jindika minnufih li kien l-istess Ommissis B li kien cempillu, ghal diversi drabi, ghax ried ikellmu, pero ma kienx jaf fuq xhiex ghax effettivament qatt ma kien qallu fuq xhiex ried ikellmu** (enfasi tal-Qorti).

2. fil-kontenut tad-depozizzjoni tieghu li huwa ta quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-17 ta` Marzu 2016.

L-imputat jixhed fid-dettal u jispjega illi dak iz-zmien, lura fis-sena 2003, huwa kien jahdem fit-time share u kellu xi nies jahdmu tahtu. U meta Ommissis B kien cempillu diversi drabi, haseb li il-haga importanti li ried ikellmu fuqha kienet in konnessjoni max-xoghol tieghu fit-time share, u dana peress illi l-imsemmi Ommissis B kien involut fit-tmexxija ta` stabbiliment kummercjali fiz-zona turistika ta` San Giljan. Jispjega li hdejn it-Tony's Bar, Spinola, ma tistax tipparkja sew, u allura kien ghalhekk li saqu 'l fuq fit-telgha li taghti ghal Triq Regjonali.

L-Imputat jichad kategorikament, kif ghamel mill-bidu nett ta` l-investigazzjonijiet, li hu kellu xi pjan ma l-imsemmi Ommissis B kif allega dan ta` l-ahhar, sabiex tinbiegh blokka tal-cannabis.

**Ikkunsidrat**;

Mehud dan kollu flimkien, huwa evidenti li ma hemm ebda prova fil-process li f'xi hin u f'xi lok, fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, Aaron Rodney Pavia biegh jew ittraffika r-raza tal-cannabis.

Din l-imputazzjoni definittivament ma tirrizultax.

Dwar il-kwistjoni tal-assoccjazzjoni sabiex tigi mibjugha r-raza tal-cannabis, jidher car illi f'dan il-kaz hemm kunflitt fil-provi, almenu ghaliex il-verzjonijiet taz-zewg protagonisti huma konfliggenti. Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa veru li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti li tkun ghandha tapprofondixxi aktar l-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti, possibilment xi prova materjali, li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi approfondita tinsab f'qaghda li tiddikjara li ma rrizultat ebda prova ohra, indipendenti w oggettiva, li legittimament tista titqies tali li torbot lill-imputat mal-allegazzjoni mressqa mix-xhud principali.

Konsgewentement din il-Qorti, peress li l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni ma hijiex sufficjentement ikkorroborata, tinsab f'qaghda tiddikjara illi, f'dan il-kaz, ghandha dubbju, u mill-bidu sa l-ahhar ta` l-analizi, dak id-dubbju ippersista. **In dubio pro reo**.

Mhux bizzejjed ghall-prosekuzzjoni, biex tirnexxi fil-kaz taghha, billi l-Qorti tghid jew titqieghed f'pozizzjoni li tghid u tikkonkludi li x'aktarx iva milli le, dak li qed jghid Ommissis B sehh (ossia li kien hemm ftehim ma l-imputat biex l-imputat ibiegh il-

blokka tal-cannabis). Dan ghaliex, id-dubbju persistenti f'mohh il-Qorti, id-dubbju li gej mir-raguni, ma jhallix lill-Qorti titla targa ohra u tiddikjara serenement li giet stabbilita l-htija 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Din il-Qorti taghmilha cara illi hi mhux qed tghid li parti jew ohra qed tghid jew mhux qed tghid il-verita`. Mill-assjem tal-provi u mill-analizi ta` l-istess, din il-Qorti tinsab f'qaghda li daqs kemm tista tghid li l-verzjoni ta` Ommissis B hija plawsibbli, daqstant iehor tista tghid li l-verzjoni ta` l-imputat hija plawsibbli. Il-konkluzjoni ta` din il-Qorti hi li l-kaz jipprezenta komplessita` tali li jhalli lill-istess Qorti bla risposta quddiem id-domanda jekk il-prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova l-kaz taghha sodisfacentement. U dana ghaliex, wara analizi approfondita, l-kaz baqa jipprezenta kunflitt serju ta` verzjonijiet liema konflitt holoq id-dubbju – id-dubbju ragonevoli – li necessarjament jehtieg li jmur favur l-imputat.

Oggettivament, dikjarazzjoni ta` htija f'dawn ic-cirkostanzi tkun dikjarazzjoni "unsafe and unsatisfactory".

**Ikkunsidrat**;

Dwar l-imputazzjoni sussidjarja migjuba kontra l-imputat, dik taht il-paragrafu (e) riferibbilment ghall-pussess semplici tal-pjanta tal-cannabis jew parti minnha, din il-Qorti tqis li fil-process kollu ma hemm xejn ta` rilevanza li jista jorbot lill-imputat ma din l-imputazzjoni hlief is-sejba ta` kaxxa b'kontenut suspettuz, li nstabet fil-kamra tas-sodda ta` l-imputat.

Il-Qorti qieset ghalhekk ir-rapport ta` l-espert nominat l-ispizjar Mario Mifsud. Dwar il-kontenut tal-kaxxa misjuba fil-kamra tas-sodda ta` l-imputat Aaron Pavia, huwa jikkonkludi testwalment, a folio 163 tal-Vol.III :

---

*Ghaldaqstant minn rizultati miksuba l-Esponent, l-ispizjar Mario Mifsud, jista jikkonkludi li fit-tracci ta' frak ahdar instabu fuqhom it-trichomes. It-trichomes huma fattizzi li jkollha fuqha l-werqa tal-pjanta tal-Cannabis. Fit-tracci ta' frak ahdar, li kien hemm fid-dokument 03 ABA 100, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol.*

*Din is-sustanza li tigi mill-pjanta tal-Cannabis, hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Minn ezami akkurat tad-dicitura uzata mill-abili espert nominat, jirrizulta li din il-Qorti ma tpoggietx fl-ahjar qaghda, fejn si tratta ta` provi, sabiex tkun tista, 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, tiddikjara li tali kontenut kien gej biss u esklussivament mill-cannabis.

**Konkluzjoni**;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL AARON RODNEY PAUL PAVIA MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND ILLIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur